SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

23 ta' Jannar 2025*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ħaddiema migranti – Sigurtà soċjali – Leġiżlazzjoni applikabbli – Ħaddiema kkollokati – Dokumenti li għandhom il-forma ta' ċertifikati A 1 allegatament maħruġa mill-istituzzjoni kompetenti sabiex toħroġ dawn iċ-ċertifikati – Regolament (KE) Nru 883/2004 – Artikolu 76(6) – Obbligu tal-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti li jibdew proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' frodi"

Fil-Kawża C-421/23,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-cour d'appel de Liège (il-Qorti tal-Appell ta' Liège, il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Mejju 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-10 ta' Lulju 2023, fil-proċeduri kriminali kontra

EX

fil-preżenza ta':

Ministère public,

Office national de sécurité sociale (ONSS)

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn F. Biltgen, President tal-Ewwel Awla, li qiegħed jaġixxi bħala President tas-Seba' Awla, M. L. Arastey Sahún (Relatriċi), Presidenta tal-Ħames Awla, u J. Passer, Imħallef,

Avukat Ġenerali: J. Richard de la Tour,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-ministère public, minn J. Deumer, bħala aġent,

– għall-Gvern Belġjan, minn S. Baeyens, C. Pochet u L. Van den Broeck, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

– għall-Gvern Portugiż, minn C. Alves, P. Barros da Costa, A. Pimenta u E. Silveira, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn F. Clotuche-Duvieusart u B.-R. Killmann, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 76(6) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 465/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 (ĠU 2012, L 149, p. 4) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 883/2004").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mressqa kontra EX, għal, b'mod partikolari, it-twettiq ta' frodi fil-qasam tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament Nru 883/2004

3 L-Artikolu 1(l) tar-Regolament Nru 883/2004 jiddefinixxi t-terminu "leġislazzjoni" għall-finijiet ta' dan ir-regolament, bħala li jkopri għal kull Stat Membru, il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet statutorji oħra u kull miżuri ta' implimentazzjoni oħra li tikkonċerna l-fergħat tas-sigurtà soċjali koperti mill-Artikolu 3(1) tal-imsemmi regolament.

4 L-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 883/2004 jipprovdi:

"1. Dan ir-Regolament għandhu japplika għal ċittadini ta' Stat Membru, persuni mingħajr Stat u refuġjati li għandhom ir-residenza tagħhom fi Stat Membru li huma jew li kienu suġġetti għal-leġislazzjoni ta' Stat Membru jew ta' aktar minn Stat Membru wieħed, kif ukoll għall-membri tal-familji tagħhom u għas-superstiti tagħhom.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għas-superstiti ta' persuni li kienu suġġetti għal-leġislazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew ta' aktar minn Stat Membru wieħed, irrispettivament min-nazzjonalità ta' dawn il-persuni, fejn is-superstiti tagħhom huma ċittadini ta' Stat Membru jew persuni mingħajr Stat jew refuġjati li għandhom ir-residenza tagħhom f'wieħed mill-Istati Membri."

5 L-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 883/2004, intitolat "Oqsma koperti", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li dan ir-regolament japplika għal-leġiżlazzjonijiet kollha li jirrigwardaw il-friegħi tas-sigurtà soċjali elenkati fih.

6 It-Titolu II tal-istess regolament, intitolat “Determinazzjoni ta’ Liema Leġislazzjoni Tapplika”, jinkludi l-Artikoli 11 sa 16 tiegħu.

7 L-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 883/2004 jipprevedi:

“1. Il-persuni li għalihom japplika dan ir-Regolament għandhom ikunu suġġetti għal-leġislazzjoni ta’ Stat Membru wieħed biss. Din il-leġislazzjoni għandha tkun determinata skond dan it-Titolu.

[…]

3. Bla ħsara għall-Artikolu 12 sa 16:

(a) persuna li twettaq attività bħala persuna impjegata jew bħala persuna li taħdem għal rasha fi Stat Membru għandha tkun suġġetta għal-leġislazzjoni ta’ dak l-Istat Membru;

[…]”

8 L-Artikolu 12(1) ta’ dan ir-regolament huwa fformulat kif ġej:

“Persuna li twettaq attività bħala persuna impjegata fi Stat Membru f’isem min iħaddem, li normalment twettaq l-attivitajiet tagħha hemmhekk, u li tintbagħat [tiġi kkollokata] minn dak li jħaddem fi Stat Membru ieħor biex taħdem f’isem minn iħaddem, għandha tibqa’ soġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-ewwel Stat Membru, sakemm ix-xogħol mhux maħsub li jdum aktar minn 24 xahar u sakemm din il-persuna ma ntbagħtitx biex tieħu post persuna stazzjonata oħra.”

9 Skont l-Artikolu 72(a) tal-imsemmi regolament, il-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni ta’ Sistemi ta’ Sigurtà Soċjali (iktar ’il quddiem il-“Kummissjoni Amministrattiva”) hija inkarigata b’mod partikolari b’li tittratta kull kwistjoni amministrattiva jew ta’ interpretazzjoni li tirriżulta mid-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-regolament jew minn dawk tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni.

10 L-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 883/2004, intitolat “Koperazzjoni”, jipprovdi:

“[…]

3. L-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet ta’ l-Istati Membri jistgħu, għall-għanijiet ta’ dan ir-Regolament, jikkomunikaw direttament ma’ xulxin u mal-persuni involuti jew mar-rappreżentanti tagħhom.

4. L-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn dan ir-Regolament għandu jkollhom l-obbligu li jinfurmaw lil xulxin u li jikkoperaw sabiex jassiguraw li dan ir-Regolament ikun implimentat kif suppost.

L-istituzzjonijiet, skond il-prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba, għandhom jirrispondu għall-mistoqsijiet kollha f’perjodu raġjonevoli u f’dan ir-rigward għandhom jagħtu lill-persuna konċernata l-informazzjoni meħtieġa biex tkun tista’ teżerċita d-drittijiet mogħtija lilha minn dan ir-Regolament.

[…]

6. F'każ ta' diffikultajiet fl-interpretazzjoni jew fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li jistgħu jipperikolaw id-drittijiet ta' persuna koperta minnu, l-istituzzjoni ta' l-Istat Membru kompetenti jew ta' l-Istat Membru ta' residenza tal-persuna konċernata għandha tikkuntattja lill-istituzzjoni (jew istituzzjonijiet) ta' l-Istat Membru (jew Stati Membri) konċernat (jew konċernati). Jekk ma tkunx tista' tinstab soluzzjoni f'perjodu raġjonevoli, l-awtoritajiet konċernati jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni Amministrattiva biex tindaħal."

Ir-Regolament Nru 987/2009

11 L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali, kif emendat bir-Regolament Nru 465/2012 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 987/2009"), intitolat "Valur legali tad-dokumenti u l-evidenza ta' sostenn maħruġa fi Stat Membru ieħor", jipprevedi:

"1. Id-dokumenti maħruġa mill-istituzzjoni ta' Stat Membru u li juru l-pożizzjoni ta' persuna għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-[Regolament Nru 883/2004] u [ta' dan ir-regolament], u l-evidenza ta' sostenn li abbażi tagħha nħarġu d-dokumenti, għandhom jiġu aċċettati mill-istituzzjonijiet tal-Istati Membri l-oħrajn sakemm dawn ma jkunux ġew irtirati jew iddikjarati li huma invalidi mill-Istat Membru li fih inħarġu.

2. F'każ ta' dubju dwar il-leġittimità tad-dokument jew l-eżattezza tal-fatti li huma l-bażi tad-dettalji li jidhru fih, l-istituzzjoni tal-Istat Membru li tirċievi d-dokument għandha titlob mill-istituzzjoni li ħarġitu l-kjarifiki meħtieġa u, jekk ikun l-każ, l-irtirar ta' dak id-dokument. L-istituzzjoni li ħarġitu għandha tikkunsidra mill-ġdid ir-raġunijiet għall-ħruġ tad-dokument u, jekk meħtieġ, li tirtirah.

3. Konformement mal-paragrafu 2, f'każ ta' dubju dwar l-informazzjoni pprovduta mill-persuni kkonċernati, dwar il-validità ta' dokument jew il-prova ta' sostenn jew l-eżattezza tal-fatti li huma l-bażi tad-dettalji li jidhru fih, l-istituzzjoni tal-post taż-żjara jew ta' residenza għandha, sa fejn dan ikun possibli, fuq talba mill-istituzzjoni kompetenti, twettaq il-verifika meħtieġa ta' din l-informazzjoni jew ta' dan id-dokument.

4. Fejn ma jintlaħaqx qbil bejn l-istituzzjonijiet konċernati, il-kwistjoni tista' titressaq quddiem il-Kummissjoni Amministrattiva mill-awtoritajiet kompetenti mhux qabel xahar wara d-data li fiha l-istituzzjoni li rċeviet id-dokument tkun ippreżentat it-talba tagħha. Il-Kummissjoni Amministrattiva għandha tfittex li tirrikonċilja l-fehmiet fi żmien sitt xhur mid-data li fiha l-kwistjoni tressqet quddiemha."

12 L-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 987/2009 huwa fformulat kif ġej:

"Fuq talba tal-persuna kkonċernata jew ta' min iħaddimha, l-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru li tiegħu l-leġislazzjoni hija applikabbli taħt it-Titolu II tar-Regolament [Nru 883/2004] għandha tipprovdi attestazzjoni li tali leġislazzjoni hija applikabbli u għandha tindika, fejn ikun il-każ, sa liema data u taħt liema kondizzjonijiet."

Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

13 EX, imprenditur Portugiż, impjega permezz ta' diversi kumpanniji 650 ħaddiem ta' nazzjonalità Portugiża li ġew ikkollokati fit-territorju tar-Renju tal-Belġju, matul is-snin 2012 sa 2017, sabiex jaħdmu f'siti ta' kostruzzjoni f'dan l-Istat Membru. Tali kollokament twettaq permezz, b'mod partikolari, ta' dokumenti li għandhom il-forma ta' ċertifikati A 1 allegatament maħruġa, skont ir-Regolament Nru 883/2004, mill-istituzzjoni Portugiża kompetenti sabiex toħroġ dan it-tip ta' ċertifikati, sabiex jattestaw, b'applikazzjoni tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 987/2009, l-affiljazzjoni tal-ħaddiema kkonċernati mal-iskema ta' sigurtà soċjali Portugiża matul il-perijodu ta' kollokament (iktar 'il quddiem il-"perijodu kontenzjuż").

14 Permezz ta' sentenza tal-10 ta' Novembru 2021, it-tribunal de première instance de Namur (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Namur, il-Belġju) iddikjarat lil EX ħati ta' diversi reati, fosthom, b'mod partikolari, it-twettiq ta' frodi fil-qasam tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u l-użu ta' dokumenti foloz.

15 F'dan il-kuntest, din il-qorti kkonstatat, l-ewwel nett, li d-dokumenti li għandhom il-forma ta' ċertifikati A 1 prodotti minn EX kienu dokumenti foloz li ma kinux inħarġu mill-awtoritajiet Portugiżi, punt li l-imputat fil-kawża prinċipali ma kkontestax, it-tieni nett, li l-kumpanniji, maħluqa jew amministrati minn dan tal-aħħar, li permezz tagħhom il-ħaddiema kkonċernati kienu ġew ikkollokati fil-Belġju ma kienu jeżerċitaw ebda attività sostanzjali fil-Portugall fis-settur tal-kostruzzjoni u ma kellhomx għan ieħor ħlief dak li jipprovdu ħaddiema bl-irħis fil-Belġju u, it-tielet nett, li l-istituzzjoni Portugiża kompetenti sabiex toħroġ ċertifikati A 1 kienet ikkonfermat li dawn il-kumpanniji jew ma kinux talbu l-ħruġ ta' tali ċertifikati, jew kienu ġew irrifjutati tali ħruġ minħabba l-ineżistenza ta' attivitajiet sostanzjali tal-imsemmija kumpanniji fil-Portugall fis-settur tal-kostruzzjoni.

16 Kemm l-imputat fil-kawża prinċipali kif ukoll l-Uffiċċju tal-Prosekutur (il-Belġju) appellaw minn din is-sentenza quddiem il-cour d'appel de Liège (il-Qorti tal-Appell ta' Liège, il-Belġju), li hija l-qorti tar-rinviju.

17 Fil-kuntest ta' dan l-appell, EX, li ma jikkontestax li d-dokumenti li għandhom il-forma taċ-ċertifikati A 1 li huwa pproduċa huma dokumenti foloz, hekk kif jirriżulta mis-sentenza tat-tribunal de première instance de Namur (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Namur, il-Belġju) tal-10 ta' Novembru 2021, isostni li, fil-każ ta' indizji ta' frodi, li, fil-fehma tiegħu, jinkludi l-każ ta' użu ta' ċertifikati A 1 foloz, il-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni msemmija fl-Artikolu 76(6) tar-Regolament Nru 883/2004 tikkostitwixxi prerekwiżit obbligatorju sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' tali frodi.

18 Il-qorti tar-rinviju tfakkar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tirriżulta b'mod partikolari mis-sentenza tas-27 ta' April 2017, A-Rosa Flussschiff (C-620/15, EU:C:2017:309), li tistabbilixxi l-prinċipju tal-uniċità tal-leġiżlazzjoni applikabbli għall-kopertura tas-sigurtà soċjali u l-kompetenza esklużiva tal-istituzzjoni emittenti, fil-każ ta' indizji ta' frodi, sabiex tevalwa l-validità taċ-ċertifikati A 1 li hija tkun ħarġet. Barra minn hekk, din il-qorti tirreferi għas-sentenza tat-2 ta' April 2020, CRPNPAC u Vueling Airlines (C-370/17 u C-37/18, EU:C:2020:260) li minnha jirriżulta li l-imsemmija proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni tikkostitwixxi prerekwiżit obbligatorju sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kundizzjonijiet tal-eżistenza ta' frodi humiex issodisfatti.

19 Madankollu, din il-qorti tistaqsi dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji li jirriżultaw minn din il-ġurisprudenza f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali li fihom, minn naħa, il-qorti tal-ewwel istanza kkonstatat li d-dokumenti li għandhom il-forma ta' ċertifikati A 1 inkwistjoni ma nħarġux mill-istituzzjoni msemmija f'dawn id-dokumenti, mingħajr ma din il-konstatazzjoni ġiet ikkontestata fil-kuntest tal-appell, u, min-naħa l-oħra, tħallsu kontribuzzjonijiet lis-sistema tas-sigurtà soċjali Portugiża matul il-perijodu kontenzjuż filwaqt li, skont l-Uffiċċju tal-Prosekutur u l-Uffiċċju Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali (ONSS) (il-Belġju), il-kumpanniji li permezz tagħhom EX ikkolloka lill-ħaddiema kkonċernati fil-Belġju qatt ma eżerċitaw attività sostanzjali fil-Portugall.

20 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-cour d'appel de Liège (il-Qorti tal-Appell ta' Liège) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Ir-[Regolament Nru 883/2004] għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika fil-każ fejn ikun ġie deċiż, mingħajr ebda kontestazzjoni min-naħa tal-partijiet dwar dan il-punt, li, minn naħa, iċ-ċertikati A 1 maħruġa huma foloz skont l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat [Membru] ospitanti u li, min-naħa l-oħra, l-investigazzjonijiet tal-awtoritajiet ġudizzjarji tal-istess Stat [Membru] ospitanti jidher li juru li ċ-ċertifikati kontenzjużi ma nħarġux mill-awtorità kompenti tal-Istat [Membru] emittenti u dan minkejja li din tal-aħħar irċeviet kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, il-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni stabbilita mill-Artikolu 76(6) tar-Regolament Nru 883/2004 (li tirriproduċi l-proċedura msemmija fl-Artikolu 84bis(3) tar-[Regolament (KEE) Nru 1408/71 tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-Sigurtà Soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fil-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35)] hija prerekwiżit obbligatorju sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kundizzjonijiet tal-eżistenza ta' frodi humiex issodisfatti?

3) Jekk ir-risposti għal dawn iż-żewġ domandi huma fl-affermattiv, l-awtoritajiet tal-Istat fejn l-impjegati jkunu wettqu l-attività tagħhom jistgħu, skont il-prinċipju ta' projbizzjoni tal-frodi u tal-abbuż ta' dritt li huwa prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u li l-individwi għandhom josservaw, ma jiħdux inkunsiderazzjoni l-imsemmija ċertifikati A 1, inkluż meta ma jkunx sar użu mill-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni f'każ ta' suspett ta' frodi, fejn mill-fatti li jkunu ġew ippreżentati lilhom għall-evalwazzjoni tagħhom ikun jista' jiġi kkonstatat li l-imsemmija ċertifikati ġew maħruġa konsegwenza ta' għemil tal-persuna li timpjega meqjus, minn awtorità ġudizzjarja tal-Istat [Membru] ospitanti, bħala wieħed frawdolenti?"

21 Fl-24 ta' April 2024, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat talba għal informazzjoni lill-qorti tar-rinviju sabiex din tal-aħħar tippreċiża jekk it-tribunal de première instance de Namur (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Namur) ibbażatx ruħha fuq l-elementi relatati mal-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet Belġjani u Portugiżi kompetenti li jinsabu fl-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Gvern Belġjan u dak Portugiż sabiex tikkonstata, b'mod partikolari, li d-dokumenti kollha li għandhom il-forma ta' ċertifikati A 1 prodotti mill-imputat fil-kawża prinċipali kienu jikkostitwixxu dokumenti foloz. Wara din it-talba, il-qorti tar-rinviju bagħtet lill-Qorti tal-Ġustizzja kopja tas-sentenza tal-10 ta' Novembru 2021 imsemmija fil-punt 14 tas-sentenza preżenti.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

22 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-Regolament Nru 883/2004 għandux jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni li fiha ċittadini ta' Stat Membru impjegati minn imprenditur stabbilit f'dan l-Istat Membru jwettqu, permezz ta' dokumenti li għandhom il-forma ta' ċertifikati A 1 allegatament maħruġa mill-istituzzjoni tal-imsemmi Stat Membru kompetenti sabiex toħroġ dan it-tip ta' ċertifikati, xogħol f'isem dan l-imprenditur fi Stat Membru ieħor, li għalih din l-istituzzjoni tirċievi kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, dan ir-regolament japplika, inkluż meta, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra l-imsemmi imprenditur, quddiem il-qrati ta' dan l-Istat Membru tal-aħħar, għat-twettiq ta' frodi fil-qasam tas-sigurtà soċjali, dawn il-qrati jikkonstataw, mingħajr ma jiġu kontradetti mill-istess imprenditur, li dawn id-dokumenti huma dokumenti foloz.

23 Għandu jiġi rrilevat li, sabiex tiddeċiedi dwar it-twettiq ta' frodi fil-qasam tas-sigurtà soċjali, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra imprenditur, fl-Istat Membru li fih jitwettaq ix-xogħol, minħabba li jkun irrikorra b'mod frawdolenti għall-kollokament ta' ħaddiema, qorti nazzjonali adita b'din il-proċedura għandha b'mod partikolari tiddetermina jekk il-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali ta' dan l-Istat Membru hijiex applikabbli għall-ħaddiema kkonċernati.

24 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, konformement mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 883/2004, moqri fid-dawl tal-Artikolu 1(l) ta' dan ir-regolament, il-persuni li għalihom huwa applikabbli huma suġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed biss fir-rigward tal-fergħat tas-sigurtà soċjali elenkati fl-Artikolu 3(1) tal-imsemmi regolament. Skont l-imsemmi Artikolu 11(1), din il-leġiżlazzjoni hija ddeterminata skont it-Titolu II tal-imsemmi regolament.

25 Għaldaqstant, meta persuna taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tar-Regolament Nru 883/2004, kif iddefinit fl-Artikolu 2 ta' dan tal-aħħar, ir-regola ta' uniċità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tas-sigurtà soċjali applikabbli, stabbilita fl-Artikolu 11(1) ta' dan ir-regolament, hija bħala prinċipju rilevanti (sentenza tat-8 ta' Mejju 2019, Inspecteur van de Belastingdienst, C-631/17, EU:C:2019:381, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 Issa, fid-dawl tal-kliem tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 883/2004, dan huwa manifestament il-każ taċ-ċittadini ta' Stat Membru impjegati minn imprenditur stabbilit f'dan l-Istat Membru, li jwettqu xogħol f'isem dan l-imprenditur fi Stat Membru ieħor, li għalih l-istituzzjoni kompetenti fil-qasam tas-sigurtà soċjali tal-ewwel Stat Membru tirċievi kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

27 Għaldaqstant, qorti nazzjonali adita fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra tali imprenditur għat-twettiq ta' frodi fil-qasam tas-sigurtà soċjali għandha tapplika r-Regolament Nru 883/2004.

28 B'mod partikolari, din il-qorti għandha, fost oħrajn, tivverifika jekk il-kundizzjonijiet li għalihom ir-Regolament Nru 883/2004 jissuġġetta l-kollokament ta' ħaddiema, kif stabbiliti fl-Artikolu 12(1) ta' dan ir-regolament, humiex issodisfatti, b'tali mod li l-ħaddiema kkonċernati jkunu suġġetti għal-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-Istat Membru li fih l-imprenditur ikkonċernat huwa stabbilit jew jekk, bil-kontra, dawn il-kundizzjonijiet humiex nieqsa, b'tali mod li dawn il-ħaddiema jkunu, skont l-Artikolu 11(3)(a) tal-imsemmi regolament, suġġetti għal-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-Istat Membru li taħtu taqa' l-imsemmija qorti.

29 L-eżistenza ta' dokumenti li għandhom il-forma ta' ċertifikati A 1 allegatament maħruġa, fil-konfront ta' ħaddiema, mill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru li fih l-imprenditur ikkonċernat huwa stabbilit, l-istess bħall-fatt li dawn id-dokumenti tqiesu, mill-qorti nazzjonali adita fl-ewwel istanza fil-kuntest tal-proċeduri kriminali mibdija kontra dan l-imprenditur, bħala dokumenti foloz, mingħajr ma ġiet kontradetta minn dan l-imprenditur, bl-ebda mod ma jbiddlu l-applikabbiltà tar-Regolament Nru 883/2004 fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri kriminali.

30 Fil-fatt, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament ma jeżiġix li jkun hemm ċertifikat A 1 sabiex wieħed jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tiegħu.

31 Fid-dawl ta' dak li ntqal, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li r-Regolament Nru 883/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni li fiha ċittadini ta' Stat Membru impjegati minn imprenditur stabbilit f'dan l-Istat Membru jwettqu, permezz ta' dokumenti li għandhom il-forma ta' ċertifikati A 1 allegatament maħruġa mill-istituzzjoni tal-imsemmi Stat Membru kompetenti sabiex toħroġ dan it-tip ta' ċertifikati, xogħol f'isem dan l-imprenditur fi Stat Membru ieħor, li għalih din l-istituzzjoni tirċievi kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, dan ir-regolament japplika, inkluż meta, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra l-imsemmi imprenditur, quddiem il-qrati ta' dan l-Istat Membru tal-aħħar, għat-twettiq ta' frodi fil-qasam tas-sigurtà soċjali, dawn il-qrati jikkonstataw, mingħajr ma jiġu kontradetti mill-istess imprenditur, li dawn id-dokumenti huma dokumenti foloz.

Fuq it-tieni domanda

32 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 76(6) tar-Regolament Nru 883/2004 għandux jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni li fiha ċittadini ta' Stat Membru impjegati minn imprenditur stabbilit f'dan l-Istat Membru jwettqu, permezz ta' dokumenti li għandhom il-forma ta' ċertifikati A 1 allegatament maħruġa mill-istituzzjoni tal-imsemmi Stat Membru kompetenti sabiex joħorġu dan it-tip ta' ċertifikati, xogħol f'isem dan l-imprenditur fi Stat Membru ieħor, li għalih din l-istituzzjoni tirċievi kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, il-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni msemmija f'din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi prerekwiżit obbligatorju għall-konstatazzjoni, minn qorti ta' dan l-Istat Membru tal-aħħar, adita fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra l-imsemmi imprenditur talli rrikorra għall-kollokament ta' dawn il-ħaddiema, taħt il-kopertura ta' ċertifikati A 1 foloz, ta' tali frodi.

33 Għandu jitfakkar li, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 76(6) tar-Regolament Nru 883/2004, moqri fid-dawl tal-Artikolu 72(a) ta' dan ir-regolament, il-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni tikkostitwixxi mezz stabbilit mil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jiġi solvut it-tilwim bejn l-istituzzjonijiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati dwar, b'mod partikolari, l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-imsemmi regolament (sentenza tas-16 ta' Novembru 2023, Zakład Ubezpieczeń Społecznych Oddział w Toruniu, C-422/22, EU:C:2023:869, punt 41).

34 B'mod partikolari, il-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda, fl-ewwel lok, it-tnedija ta' djalogu bejn l-istituzzjonijiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati bl-għan li jintlaħaq ftehim f'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-fatti rilevanti għall-applikazzjoni tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' sigurtà soċjali applikabbli għal sitwazzjoni speċifika u, fit-tieni lok, fil-każ fejn dawn l-istituzzjonijiet ma jaslux li jaqblu fuq l-evalwazzjoni ta' tali fatti u, konsegwentement, fuq id-determinazzjoni tas-sistema ta' sigurtà soċjali applikabbli

għas-sitwazzjoni inkwistjoni, il-possibbiltà li jadixxu lill-Kummissjoni Amministrattiva sabiex din tipprova tirrikonċilja l-perspettivi tal-imsemmija istituzzjonijiet fir-rigward tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-imsemmija sitwazzjoni.

35 F'dan il-kuntest, ir-Regolament Nru 987/2009 jipprevedi espressament l-użu tal-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni bħala mezz sabiex jiġi solvut it-tilwim bejn l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri kkonċernati dwar kemm il-validità tad-dokumenti mfassla mill-istituzzjoni ta' Stat Membru sabiex tiġi kkonfermata s-sitwazzjoni ta' persuna għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolamenti Nri 883/2004 u 987/2009 — li fosthom hemm iċ-ċertifikat A 1 — u dokumenti ta' sostenn relatati magħhom jew dwar l-eżattezza tal-fatti li huma l-bażi tad-dettalji li jinsabu f'dawn id-dokumenti u f'dawn id-dokumenti ta' sostenn kif ukoll dwar id-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli għall-ħaddiema kkonċernati.

36 Fir-rigward, b'mod partikolari, tat-tilwim dwar il-validità tal-imsemmija dokumenti u tal-imsemmija dokumenti ta' sostenn jew dwar l-eżattezza tal-fatti li jkunu l-bażi tad-dettalji li jinsabu fihom, l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 987/2009, wara li stabbilixxa, fil-paragrafu 1 tiegħu, in-natura vinkolanti ta' tali dokumenti u ta' tali dokumenti ta' sostenn fir-rigward tal-istituzzjonijiet tal-Istati Membri l-oħra kif ukoll il-kompetenza esklużiva tal-istituzzjoni emittenti fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-validità tagħhom u tal-eżattezza tagħhom, jipprevedi, fil-paragrafi 2 sa 4 tiegħu, l-użu tal-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni għall-finijiet tar-riżoluzzjoni tat-tilwim bejn l-istituzzjoni tal-Istat Membru li jirċievi l-istess dokumenti u l-istess dokumenti ta' sostenn u l-istituzzjoni li tkun ħarġithom.

37 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, ippreċiżat li ċertifikat A 1, maħruġ mill-istituzzjoni kompetenti ta' Stat Membru jorbot mhux biss lill-istituzzjonijiet tal-Istat Membru li fih titwettaq l-attività, iżda wkoll lill-qrati ta' dan l-Istat Membru u, min-naħa l-oħra, enfasizzat li l-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni msemmija fl-Artikolu 76(6) tar-Regolament Nru 883/2004 għandha tiġi osservata mill-istituzzjonijiet tal-Istati Membri li għandhom japplikaw ir-Regolamenti Nri 883/2004 u 987/2009 meta jkun hemm tilwim bejn l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri kkonċernati dwar il-validità jew l-eżattezza ta' tali ċertifikat (sentenza tat-2 ta' Marzu 2023, DRV Intertrans u Verbraeken J. en Zonen, C-410/21 u C-661/21, EU:C:2023:138, punti 45 u 52 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

38 Għaldaqstant, f'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, sitwazzjoni ta' kollokament ta' ħaddiema li fiha l-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru li fih jitwettaq ix-xogħol ikollha indizji konkreti li jagħtu x'jifhem li ċ-ċertifikati E 101 — li ġew issostitwiti biċ-ċertifikati A 1 — maħruġa mill-istituzzjoni kompetenti ta' Stat Membru ieħor fir-rigward tal-ħaddiema kkonċernati nkisbu jew ġew invokati b'mod frawdolenti, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, fil-kuntest ta' suspett ta' frodi, l-implimentazzjoni ta' din il-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni, qabel konstatazzjoni definittiva possibbli ta' frodi mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, għandha importanza partikolari. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-imsemmija proċedura hija tali li tippermetti lill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru emittenti u dik tal-Istat Membru ospitanti li jniedu djalogu u li jikkollaboraw mill-qrib sabiex jivverifikaw u jiġbru, billi jużaw is-setgħat ta' investigazzjoni li huma għandhom skont id-dritt nazzjonali tagħhom, rispettivament, kull punt ta' fatt u ta' liġi rilevanti li jista' jxejjen jew, bil-kontra, jikkonferma r-realtà tad-dubji espressi mill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru ospitanti dwar iċ-ċirkustanzi relatati mal-ħruġ taċ-ċertifikati inkwistjoni (ara, fir-rigward tar-Regolament Nru 1408/71, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, CRPNPAC u Vueling Airlines, C-370/17 u C-37/18, EU:C:2020:260, punt 66).

39 Għaldaqstant il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-preżenza ta' indizji konkreti li jagħtu x'wieħed jaħseb li ċertifikati E 101 inkisbu jew ġew invokati b'mod frawdolenti, għandha twassal lill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, mhux li tikkonstata unilateralment l-eżistenza ta' frodi u tinjora dawn iċ-ċertifikati, iżda li tniedi malajr il-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni sabiex l-istituzzjoni li tkun ħarġet dawn iċ-ċertifikati, li tkun ġiet adita mill-istituzzjoni tal-Istat Membru ospitanti, twettaq, fi żmien raġonevoli, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, eżami mill-ġdid tal-fondatezza tal-ħruġ tal-imsemmija ċertifikati, fid-dawl ta' dawn l-indizji u, jekk ikun il-każ, tiddeċiedi li tannullahom jew li tirtirahom (ara, fir-rigward tar-Regolament Nru 1408/71, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, CRPNPAC u Vueling Airlines, C-370/17 u C-37/18, EU:C:2020:260, punt 72 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

40 Konformement ma' din il-ġurisprudenza, qorti tal-Istat Membru ospitanti, adita fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra persuna li timpjega fir-rigward ta' fatti li juru li nkisbu jew intużaw ċertifikati A 1 b'mod frawdolenti, tista' tiddeċiedi b'mod definittiv dwar l-eżistenza ta' tali frodi u tinjora dawn iċ-ċertifikati biss jekk wara li tissospendi sa fejn meħtieġ il-proċedura ġudizzjarja skont id-dritt nazzjonali tagħha, hija tikkonstata li, wara li l-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni prevista fl-Artikolu 76(6) tar-Regolament Nru 883/2004 tkun inbdiet minnufih, l-istituzzjoni li tkun ħarġet dawn l-imsemmija ċertifikati naqset milli teżaminahom mill-ġdid u tieħu pożizzjoni, fi żmien raġonevoli, dwar il-provi ppreżentati mill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, billi, jekk ikun hemm bżonn, tannulla jew tirtira dawn l-istess ċertifikati (sentenza tat-2 ta' Marzu 2023, DRV Intertrans u Verbraeken J. en Zonen, C-410/21 u C-661/21, EU:C:2023:138, punt 61 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

41 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni tikkostitwixxi prerekwiżit obbligatorju sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kundizzjonijiet għall-eżistenza ta' frodi humiex issodisfatti u, għaldaqstant, sabiex tislet kull konsegwenza utli f'dak li jirrigwarda l-validità taċ-ċertifikati A 1 inkwistjoni u l-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali applikabbli għall-ħaddiema kkonċernati, b'tali mod li qorti tal-Istat Membru ospitanti adita b'tali proċeduri kriminali ma tistax tinjora l-imsemmija proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2023, DRV Intertrans u Verbraeken J. en Zonen, C-410/21 u C-661/21, EU:C:2023:138, punti 60 u 62, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

42 Huwa minnu li, il-ġurisprudenza msemmija fil-punti 38 sa 41 tas-sentenza preżenti ngħatat fil-kuntest ta' kawżi li fihom iċ-ċertifikati E 101 jew A 1 inkwistjoni kienu nħarġu mill-istituzzjoni kompetenti ta' Stat Membru, b'tali mod li l-istituzzjoni jew il-qorti tal-Istat Membru ospitanti ma kellhomx dubji dwar l-awtentiċità ta' dawn iċ-ċertifikati iżda dwar il-validità tagħhom fid-dawl tal-elementi li abbażi tagħhom dawn kienu nħarġu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' April 2017, A-Rosa Flussschiff, C-620/15, EU:C:2017:309, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Madankollu, ma hemm xejn fil-formulazzjoni tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 987/2009 u lanqas f'dik ta' xi dispożizzjoni oħra ta' dan ir-regolament li jippermetti li jitqies li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni jeskludi mit-tilwim li jirrigwarda l-validità taċ-ċertifikati A 1, imsemmija fl-Artikolu 5, tilwim dwar l-awtentiċità tagħhom, bl-għan li, fir-rigward tagħhom, il-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni ma tikkostitwixxix prerekwiżit obbligatorju li għandu jiġi osservat mill-istituzzjonijiet u mill-qrati tal-Istati Membri li jqajmu dubji dwar l-awtentiċità ta' tali ċertifikati sabiex dawn jiġu esklużi.

44 Barra minn hekk, tali esklużjoni tkun inkoerenti fir-rigward tal-effett vinkolanti marbut maċ-ċertifikati A 1 u tikkompromett i l-prinċipji li fuqhom huma bbażati kemm il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar tali effett kif ukoll ir-Regolamenti Nri 883/2004 u 987/2009, jiġifieri,

kif jirriżulta mis-sentenza tat-2 ta' Marzu 2023, DRV Intertrans u Verbraeken J. en Zonen (C-410/21 u C-661/21, EU:C:2023:138, punt 54 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata), il-prinċipji ta' uniċità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' sigurtà soċjali applikabbli, ta' kooperazzjoni leali u ta' ċertezza legali.

45 Konsegwentement, il-ġurisprudenza msemmija fil-punti 38 sa 41 tas-sentenza preżenti hija applikabbli wkoll għall-każ ta' suspett ta' użu ta' ċertifikati A 1 foloz bl-għan li jiġu evitati l-kundizzjonijiet li għalihom ir-Regolamenti Nri 883/2004 u 987/2009 jissuġġettaw il-kollokament tal-ħaddiema.

46 Madankollu, għandu, minn naħa, jiġi ppreċiżat li, meta, fil-kuntest tal-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni msemmija fl-Artikolu 76(6) tar-Regolament Nru 883/2004, l-istituzzjoni li allegatament tkun ħarġet id-dokumenti li għandhom il-forma ta' ċertifikati A 1 li l-awtenticità tagħhom tkun ikkontestata tikkonferma li hija ma ħarġithomx u li, konsegwentement, dawn jikkostitwixxu dokumenti foloz, dawn id-dokumenti ma jkunux jistgħu, għaldaqstant, jitqiesu li huma ċertifikati A 1 u lanqas, konsegwentement, bħala li jipproduċu l-effetti proprji ta' dawn iċ-ċertifikati, li fosthom hemm l-effett vinkolanti fir-rigward tal-istituzzjonijiet u tal-qrati tal-Istat Membru ospitanti.

47 Minn dan isegwi li, meta qorti tal-Istat Membru li fih jitwettaq ix-xogħol, adita fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra imprenditur issuspettat li kkolloka ħaddiema f'dan l-Istat Membru permezz ta' dokumenti foloz li għandhom il-forma ta' ċertifikati A 1, tikkonstata li l-istituzzjoni li allegatament ħarġet dawn id-dokumenti kkonfermat, fil-kuntest ta' din il-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni, li hija ma ħarġithomx, l-imsemmija qorti tista' tikkonstata li dawn huma dokumenti foloz u li hija ma hijiex marbuta bid-dettalji li jinsabu fihom.

48 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi ppreċiżat li, meta, bħal fil-każ ineżami, jirriżulta li l-istituzzjoni li allegatament ħarġet id-dokumenti li għandhom il-forma ta' ċertifikati A 1 prodotti mill-imprenditur ikkonċernat irċeviet kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għax-xogħol imwettaq mill-ħaddiema allegatament ikkollokati, l-imsemmija qorti ma tistax tiddeċiedi definittivament dwar l-eżistenza tal-kollokament frawdolenti ta' dawn il-ħaddiema mingħajr ma tkun ivverifikat minn qabel li l-imsemmija proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni ġiet osservata f'dak li jirrigwarda mhux biss l-awtenticità ta' dawn id-dokumenti iżda wkoll id-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali li kellha tiġi applikata għall-ħaddiema kkonċernati matul il-perijodu tal-allegat kollokament.

49 Fil-fatt, peress li l-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni msemmija fl-Artikolu 76(6) tar-Regolament Nru 883/2004 ġiet stabbilita mil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex issolvi kull tilwima li tirrigwarda l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 883/2004, fosthom b'mod partikolari t-tilwim dwar id-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli għall-ħaddiema li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, qorti tal-Istat Membru ospitanti adita fil-kuntest ta' proċeduri kriminali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tqis li jeżistu elementi li jippermettu li jitqies li l-kundizzjonijiet li għalihom huwa suġġett il-kollokament ta' ħaddiema ma humiex issodisfatti u li b'hekk tqiegħed inkwistjoni l-issuġġettar tal-ħaddiema kkonċernati għall-iskema ta' sigurtà soċjali tal-istituzzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali għax-xogħol imwettaq minn dawn tal-aħħar, ma tistax tikkonstata unilateralment l-eżistenza ta' tali kollokament frawdolenti, mingħajr ma tkun inbdiet il-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni ma' din l-istituzzjoni għall-finijiet ta' konsultazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali applikabbli għal dawn il-ħaddiema.

50 Barra minn hekk, interpretazzjoni oħra tmur kontra l-prinċipji ta' uniċità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' sigurtà soċjali applikabbli, ta' kooperazzjoni leali u ta' ċertezza legali li fuqhom huma bbażati r-Regolamenti Nri 883/2004 u 987/2009.

51 Għaldaqstant, għandu jitqies li l-ġurisprudenza msemmija fil-punti 38 sa 41 tas-sentenza preżenti tapplika wkoll *mutatis mutandis* meta istituzzjoni jew qorti tal-Istat Membru li fih jitwettaq ix-xogħol tqiegħed f'dubju l-issuġġettar tal-ħaddiema kkonċernati għal-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-istituzzjoni tal-Istat Membru li jkun irċieva kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali għax-xogħol imwettaq minn dawn il-ħaddiema.

52 Minn dak li ntqal jirriżulta li qorti tal-Istat Membru ospitanti, adita fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra persuna li timpjega ssuspettata li użat il-kollokament ta' ħaddiema permezz ta' dokumenti foloz li għandhom il-forma ta' ċertifikati A 1, tista' tiddeċiedi dwar l-awtentiċità ta' dawn id-dokumenti u tinjorahom biss, minn naħa, jekk, wara li tkun ipproċediet għas-sospensjoni tal-proċedura ġudizzjarja sa fejn ikun meħtieġ skont id-dritt nazzjonali tagħha, hija tikkonstata li l-istituzzjoni li allegatament ħarġet dawn id-dokumenti, fil-kuntest tal-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni mibdija mill-istituzzjoni tal-Istat Membru ospitanti, tkun ikkonfermat li hija ma ħarġitx l-imsemmija dokumenti jew li, wara li l-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni tkun inbdiet fil-pront, l-istituzzjoni li allegatament tkun ħarġet dawn id-dokumenti tkun astjeniet milli tieħu pożizzjoni, fi żmien raġonevoli, dwar l-awtentiċità tal-istess dokumenti, u, min-naħa l-oħra, jekk il-garanziji inerenti għad-dritt għal smigħ xieraq li għandhom jingħataw lill-imprenditur ikkonċernat ikunu osservati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2023, DRV Intertrans u Verbraeken J. en Zonen, C-410/21 u C-661/21, EU:C:2023:138, punti 61, 66 u 67, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

53 Barra minn hekk, meta jirriżulta li l-istituzzjoni li allegatament tkun ħarġet id-dokumenti li għandhom il-forma ta' ċertifikati A 1 tkun irċeviet kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali għax-xogħol imwettaq mill-ħaddiema allegatament ikkollokati, il-qorti nazzjonali tista' tikkonstata l-eżistenza ta' kollokament frawdolenti ta' ħaddiema biss jekk, minn naħa, fil-kuntest tal-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni mibdija bejn l-istituzzjonijiet ikkonċernati, l-istituzzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjonijiet soċjali tkun ikkonfermat li l-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali li kellha tiġi applikata għall-ħaddiema kkonċernati hija dik tal-Istat Membru ospitanti jew li din l-istituzzjoni astjeniet, fi żmien raġonevoli, milli teżamina mill-ġdid, billi tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi mressqa mill-istituzzjoni tal-Istat Membru ospitanti u fid-dawl tas-sitwazzjoni reali ta' dawn il-ħaddiema, il-fatti li abbażi tagħhom hija tkun issuġġettat lil dawn tal-aħħar għall-iskema ta' sigurtà soċjali tagħha u li tieħu pożizzjoni dwar il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' sigurtà soċjali applikabbli għall-imsemmija ħaddiema, u, min-naħa l-oħra, jiġu osservati l-garanziji inerenti għad-dritt għal smigħ xieraq li għandhom jingħataw lill-imprenditur ikkonċernat.

54 Fl-aħħar nett, għandu jingħad ukoll li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma pprevediex forma partikolari li għandha tiġi osservata mill-istituzzjonijiet ikkonċernati sabiex iniedu d-djalogu jew sabiex jadixxu lill-Kummissjoni Amministrattiva sabiex isolvu t-tilwim tagħhom dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tar-Regolamenti Nri 883/2004 u 987/2009.

55 Fil-fatt, ir-Regolament Nru 883/2004 sempliċement jindika, fl-Artikolu 76(6) tiegħu, li l-istituzzjoni tal-Istat Membru kompetenti jew tal-Istat Membru ta' residenza tal-persuna kkonċernata għandha "tikkuntattja" lill-istituzzjoni jew lill-istituzzjonijiet tal-Istat Membru jew Stati Membri kkonċernati u li, fin-nuqqas ta' soluzzjoni fi żmien raġonevoli, l-awtoritajiet ikkonċernati "jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni Amministrattiva biex tindaħal".

56 Ir-Regolament Nru 987/2009 lanqas ma jinkludi preċiżazzjoni f'dan ir-rigward.

57 Għal dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, it-tnedija ta' djalogu, li jikkorrispondi għall-ewwel stadju tal-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni msemmija fl-Artikolu 76(6) tar-Regolament Nru 883/2004, għandu jitqies, hekk kif jirriżulta mill-punt 6 tad-Deċiżjoni A 1 tal-Kummissjoni Amministrattiva tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni dwar il-validità ta' dokumenti, id-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli u l-provvista ta' benefiċċji skont ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2010, C 106, p. 1), li huwa biżżejjed li l-istituzzjoni li jkollha dubji dwar il-validità ta' ċertifikat A 1 jew id-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli għal ħaddiem partikolari tikkuntattja lill-istituzzjoni li tkun ħarġet tali ċertifikat u/jew li tkun iddeċidiet li tapplika l-iskema ta' sigurtà soċjali tagħha għal tali ħaddiem sabiex titlobha l-kjarifiki neċessarji dwar id-deċiżjoni tagħha li tissuġġetta lil dan il-ħaddiem għal din l-iskema u, possibbilment, li tirtira jew tinvalida l-imsemmi ċertifikat jew li tirrevedi jew tannulla din id-deċiżjoni, sabiex tqis li tali tnedija seħħet.

58 Fil-każ ineżami, mit-talba għal deċiżjoni preliminari, mill-elementi pprovduti mill-qorti tar-rinviju fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja u mill-osservazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati jirriżulta li, qabel il-bidu tal-proċeduri kriminali kontra EX, l-istituzzjonijiet Belġjani u Portugiżi kompetenti nedew it-triq ta' djalogu fir-rigward tal-awtentiċità tad-dokumenti li għandhom il-forma ta' ċertifikati A 1 prodotti minn EX u l-evalwazzjoni tal-fatti li fuqhom huma bbażati dawn id-dokumenti. Fil-kuntest ta' tali djalogu, l-istituzzjoni Portugiża kkonfermat, hekk kif ikkonstata t-tribunal de première instance de Namur (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Namur, il-Belġju) fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Novembru 2021, li hija ma kinitx ħarġet dawn id-dokumenti, punt li EX la kkontesta quddiem dik il-qorti u lanqas quddiem il-qorti tar-rinviju.

59 Għaldaqstant, jidher li, fir-rigward tal-awtentiċità tal-imsemmija dokumenti, il-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni msemmija fl-Artikolu 76(6) tar-Regolament Nru 883/2004 ġiet osservata.

60 Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punt 47 tas-sentenza preżenti, it-tribunal de première instance de Namur (il-Qorti tal Ewwel Istanza ta' Namur, il-Belġju) setgħet tikkonstata li d-dokumenti inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienu jikkostitwixxu dokumenti foloz u li ma kinitx marbuta bihom.

61 Barra minn hekk, mill-osservazzjonijiet tal-Gvern Portugiż jirriżulta li, fil-kuntest tad-djalogu mibdi bejn l-istituzzjonijiet Belġjani u Portugiżi kompetenti, l-istituzzjoni Portugiża kkonstatat, minn naħa, li l-kumpanniji li permezz tagħhom l-imputat fil-kawża prinċipali kkolloka l-ħaddiema kkonċernati permezz ta' dokumenti li għandhom il-forma ta' ċertifikati A 1 ma kienu jeżerċitaw ebda attività sostanzjali fil-Portugall fis-settur tal-kostruzzjoni u ma kellhom l-ebda għan ieħor ħlief dak li jipprovdu ħaddiema rħas fil-Belġju, punt li t-tribunal de première instance de Namur (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Namur, il-Belġju) ikkonfermat fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Novembru 2021 u, min-naħa l-oħra, li l-leġiżlazzjoni li kellha tiġi applikata għall-ħaddiema kkonċernati matul il-perijodu kontenzjuż hija l-leġiżlazzjoni Belġjana.

62 Għaldaqstant, jidher, bla ħsara għall-verifiki li għandha twettaq il-qorti tar-rinviju, li l-imsemmija proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ikkonċernati ġiet osservata wkoll f'dak li jirrigwarda d-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' sigurtà soċjali li kellha tiġi applikata għall-ħaddiema kkonċernati matul il-perijodu kontenzjuż.

63 Fid-dawl ta' dak li ntqal, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 76(6) tar-Regolament Nru 883/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni li fiha ċittadini ta' Stat Membru impjegati minn imprenditur stabbilit f'dan l-Istat Membru jwettqu, permezz ta' dokumenti li għandhom il-forma ta' ċertifikati A 1 allegatament maħruġa mill-istituzzjoni tal-imsemmi Stat Membru kompetenti sabiex joħorġu dan it-tip ta' ċertifikati, xogħol f'isem dan l-imprenditur fi Stat Membru ieħor, li għalih din l-istituzzjoni tirċievi kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, il-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni msemmija f'din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi prerekwiżit obbligatorju sabiex qorti ta' dan l-Istat Membru tal-aħħar, adita fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra l-imsemmi imprenditur talli rrikorra għall-kollokament ta' dawn il-ħaddiema, taħt il-kopertura ta' ċertifikati A 1 foloz, tikkonstata l-eżistenza ta' tali frodi.

Fuq it-tielet domanda

64 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-prinċipju ta' projbizzjoni tal-frodi u tal-abbuż ta' dritt għandux jiġi interpretat fis-sens li, meta, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija quddiem il-qrati ta' Stat Membru kontra imprenditur issuspettat li kkolloka ħaddiema f'dan l-Istat permezz ta' dokumenti li għandhom il-forma ta' ċertifikati A 1, il-qorti tal-ewwel istanza kkonstatat li dawn id-dokumenti jikkostitwixxu dokumenti foloz u li din il-konstatazzjoni ma ġietx ikkontestata quddiem il-qorti adita fl-appell, din il-qorti tal-aħħar tista' tastjeni milli tieħu inkunsiderazzjoni l-imsemmija dokumenti minkejja li tali konstatazzjoni tkun saret mill-qorti tal-ewwel istanza mingħajr ma tkun inbdiet il-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni msemmija fl-Artikolu 76(6) tar-Regolament Nru 883/2004.

65 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li hija biss il-qorti nazzjonali adita bit-tilwima fil-kawża prinċipali li għandha tevalwa n-neċessità ta' deċiżjoni preliminari u r-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja, liema domandi jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, obbligata li tagħti deċiżjoni, meta d-domanda magħmula tkun tirrigwarda l-interpretazzjoni jew il-validità ta' regola tad-dritt tal-Unjoni, ħlief jekk ikun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba ma għandha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett ta' din it-tilwima, jekk il-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għal din id-domanda (sentenza tat-22 ta' Frar 2024, Unedic, C-125/23, EU:C:2024:163, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

66 Fil-każ ineżami, għandu jiġi rrilevat li t-tielet domanda, li tikkonċerna esklużivament il-konstatazzjoni li d-dokumenti li għandhom il-forma ta' ċertifikati A 1 inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkostitwixxu dokumenti foloz, imwettqa mill-qorti nazzjonali tal-ewwel istanza fil-kuntest ta' proċeduri kriminali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hija bbażata fuq il-premessa li din il-konstatazzjoni twettqet minn din il-qorti mingħajr ma nbdiet din il-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni.

67 Issa, hekk kif ġie kkonstatat fil-punti 58 u 59 tas-sentenza preżenti, fuq il-bażi b'mod partikolari tal-elementi pprovduti mill-qorti tar-rinviju, jidher li, fil-każ ineżami, l-imsemmija proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni dwar l-awtentiċità tal-imsemmija dokumenti ġiet osservata.

68 Peress li t-tielet domanda hija għalhekk ta' natura ipotetika, hemm lok li tiġi kkunsidrata bħala inammissibbli.

Fuq l-ispejjeż

69 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 465/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012,**

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   f'sitwazzjoni li fiha ċittadini ta' Stat Membru impjegati minn imprenditur stabbilit f'dan l-Istat Membru jwettqu, permezz ta' dokumenti li għandhom il-forma ta' ċertifikati A 1 allegatament maħruġa mill-istituzzjoni tal-imsemmi Stat Membru kompetenti sabiex toħroġ dan it-tip ta' ċertifikati, xogħol f'isem dan l-imprenditur fi Stat Membru ieħor, li għalih din l-istituzzjoni tirċievi kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, dan ir-regolament japplika, inkluż meta, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra l-imsemmi imprenditur, quddiem il-qrati ta' dan l-Istat Membru tal-aħħar, għat-twettiq ta' frodi fil-qasam tas-sigurtà soċjali, dawn il-qrati jikkonstataw, mingħajr ma jiġu kontradetti mill-istess imprenditur, li dawn id-dokumenti huma dokumenti foloz.

2) **L-Artikolu 76(6) tar-Regolament Nru 883/2004, kif emendat bir-Regolament Nru 465/2012,**

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   f'sitwazzjoni li fiha ċittadini ta' Stat Membru impjegati minn imprenditur stabbilit f'dan l-Istat Membru jwettqu, permezz ta' dokumenti li għandhom il-forma ta' ċertifikati A 1 allegatament maħruġa mill-istituzzjoni tal-imsemmi Stat Membru kompetenti sabiex joħorġu dan it-tip ta' ċertifikati, xogħol f'isem dan l-imprenditur fi Stat Membru ieħor, li għalih din l-istituzzjoni tirċievi kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, il-proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni msemmija f'din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi prerekwiżit obbligatorju sabiex qorti ta' dan l-Istat Membru tal-aħħar, adita fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra l-imsemmi imprenditur talli rrikorra b'mod frawdolenti għall-kollokament ta' dawn il-ħaddiema, taħt il-kopertura ta' ċertifikati A 1 foloz, tikkonstata l-eżistenza ta' tali frodi.

Firem